# Kunsill Lokali Safi,

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru erbgħa u erbgħin (44) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar is-26 ta' Novembru, 2009 fis-7:00pm fil-bini amministrattiv ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana. |

1. Din il-**laqgħa tal-KLĦS bdiet aktar tard milli rakkomandat** fid-direttivi mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba li l-kunsillieri kienu ilhom mill-5:00pm jintervistaw 'l dawk il-kandidati li urew ix-xewqa li jkunu ingaġġati bħala Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill. Dan kien it-tieni jum ta' intervisti, għaliex il-bidu tagħhom saru propju l-bieraħ minħabba n-numru sabiħ ta' persuni li applikaw.

2. **Il-KLĦS**, żamm kellmtu u għażel li **jiltaqa' mal-kumpanija *Sterling Security Services.*** Din hija l-kumpanija li tipprovdi lill-Kumitat Konġunt, u għalhekk lir-raħal tagħna, bis-servizzi tal-Gwardjani Lokali. Il-KLĦS dehrlu li hemm nuqqasijiet fid-dixxiplina u l-infurzar minn dawn il-Gwardjani Lokali. Wara li din il-kumpanija ma' setgħetx tilqa' l-appuntament tagħna biex tattendi għas-seduta preċedenti, din setgħet tagħmel dan illum.

3. Għaldaqstant, is-**Sindku qal it-talba tal-bidu u ippresjeda l-laqgħa**.

4. Qabel bdiet il-laqgħa, is-Sindku qal illi l-**kont għoli** li rċieva l-KLĦS għax-xahar ta' Settembru, 2009, kien jinkludi xi ħlasijiet għad-diskrepanzi li kien hemm dwar il-lokalita' ta' B'Bugia. Infatti l-Uffiċjal Awtorizzat qal lis-Sindku li dawn kienu arretrati, tal-kawża l-mitlufa tal-Kumitat Konġunt ma' Sterling Security.

5. Il-kunsillieri staqsew lid-Direttur, is-Sur Noel Schembri, kif ukoll lil Joe Borg, l-uffiċjal inkarigat fi ħdan din il-kumpanija, għall-immaniġjar tal-Gwardjani Lokali, **għaliex qed ikun hawn żewġ gwardjani f'ħin wieħed.**

6. Mistoqsija oħra li saret, kienet dwar it-**triq *one-way***. Il-kunsillieri qalu li l-post li fih qed ikunu allokati l-Gwardjani Lokali mhux wieħed addattat biex l-istess gwardjan jaqbad lil min qed jikser il-*one-way*, għax dan irid ikun lejn in-nofs Triq iż-Żurrieq.

7. Is-Sindku qal li f'okkażjoni minnhom **gwardjan lokali tarraf kellma żejda** lil min kien għadu kemm ħarrek. Infatti il-Gwardjan Lokali qal lil din il-persuna li hu ma setgħax ma joħroġx it-taħrika, ġaladarba l-kontravenzjoni saret quddiem ir-

residenza personali tas-Sindku. Dan il-kliem infatti ġiegħel lis-Sindku sabiex javviċina lil Gwardjan Lokali u jiġbidlu l-attenzjoni, għaliex gwardan lokali għandu jħarrek biss lil min ikun kiser il-liġi, hu fejn hu il-post.

8. Eddie Bonello qal li l-**gwardjani lokali qed ifettqu fuq parkeġġ fuq *line isfar*** u mbgħad ikun hemm kontravenzjonijiet aktar serji u jibqgħu għaddejjin. Hu semma' każ personali fejn gwardjan lokali ħareġ ċitazzjonijiet f'ħinijiet differenti u antipatki minħabba ostakolu b'vetturia fuq il-bankina bi ftit pulzieri. Hu qal li ftit 'il bogħod, kien jeżisti ingombru ieħor b'ġebel fuq l-istess bankina, li dwarhom ma sar xejn. Dan minkejja li fl-ideja ta' Eddie Bonello dan l-ingombru kien aktar serju għaliex il-ġebel kien ilu hemm għal xhur sħaħ. Eddie Bonello qal li l-Gwardjan Lokali lil din il-familja ma kellimiex u baqa' kollox għaddej minkejja l-parapet imwaqqa'. Għaldaqstant, Eddie Bonello iddeskriva dan kollu bħala jew nuqqas ta' nteress mill-gwardjan lokali jew inkella' dawn qed jaġixxu minn rapporti.

9. Issemmew ukoll l-abbużi minn persuni jieħdu d-droga fi Gnien Dun Karm Lia. Hu qal li l-Gwardjan Lokali imissu jara li dan ma jseħħx.

10. Jimmy Busuttil qal li **l-gwardjani lokali qed imorru f'toroq sekondarji**, bħal ma huma Triq il-Ħlantun u Triq San Tumas jagħtu ċitazzjonijiet fuq affarijiet banali tal-linji tal-parkeġġi, u jinjoraw dak li huwa mportanti. Jimmy Busuttil qal li hu jipproponi sabiex nagħtu l-ħin u l-post fejn dawn il-gwardjani lokali għandhom imorru, ħalli dawn imorru fejn l-aktar li ninħtiġuhom minħabba n-nuqqas ta' dixxiplina li qed ikun hawn fit-toroq.

11. Publius Abdilla semma' **post strateġiku biswit ħanut f'tarf Triq iż-Żurrieq** li qed ikun imblukkat bil-parkeġġ irregolari u l-karozza tal-linja ma tkunx tista' tgħaddi, minħabba li jkun hemm kullimkien imblukkat. Is-Sindku qal li f'dan il-post kull nhar ta' Ħadd fil-għodu u matul il-ġranet tal-ġimgħa, kull fil-għaxija, jkollu jistenna għal ħafna ħin biex xi ħadd joħroġ minn dan il-ħanut u ħwienet oħra viċin, sabiex ineħħi l-vettura.

**12.** Francis Callus qal li jekk il-gwardjan lokali ma jinżilx u ma joħroġx mill-vettura tiegħu, (u lanqas joqgħod ħdejha), iċ-ċansijiet li jaqbad lil min qed jikser il-liġi jkunu ftit. Għaldaqstant huwa ppropona li jsir dan u jibda' jkun hawn **ronda bil-mixi.**

13. Noel Schembri irrisponda billi qal li l-**gwardjan lokali mhux xi *superman***. Kull ma għandu Ħal Safi, hija siegħa kull jum. Is-sigħat huma stabbiliti mill-Uffiċjal Awtorizzat u jekk il-KLĦS jrid jagħmel xi tibdil fihom għandu jagħmel l-arranġamenti mal-Uffiċjal Awtorizzat. Hu qal li wieħed jifhem il-preokkupazzjoni tal-KLĦS u jiskuża ruħu għal kwalunkwe nuqqasijiet li seta' kien hemm, iżda jekk għandna xi struzzjonijiet x'nagħtu lil Gwardjan Lokali, bħal aktar sorveljanza fi Triq iż-Żurrieq, dawn għandhom jingħataw *through* l-Uffiċjal Awtorizzat.

14. Dwar il-**parapett imwaqqa'** jew il-**ġnien Dun Karm Lia**, Noel Schembri qal li l-gwardjan lokali mhux xi uffiċjal investigattiv, u jagħmel biss dak li hu ovvju bħal kontravenzjonijiet tat-traffiku. Hu qal li l-gwardjan m'għandux jidħol f'atti kriminali għax ikun qed jagħmel xogħol il-pulizija, meta l-parametri tiegħu huma ferm aktar limitati minn hekk.

15. Jimmy Busuttil qal li minkejja dan kollu, jekk gwardjan lokali jieqaf meta jara vettura pparkjata illegalment u l-ewwel jagħti twissija lil dak li jkun billi jgħidlu li jekk jerġa' jsiblu l-vettura hemm se jħarrku, imbgħad ma' jkunx hemm għalfejn jinġiebu skużi. Għal dan il-kliem, Noel Schembri qal li **issa ilna għaxar snin inwissu n-nies** u għaldaqstant, kull nuqqas jista' jissarraf f'kontravenzjoni għax in-nies taf fejn qed tagħmel ħażin.

16. Id-**DSE qal li hu mhux kuntent bin-numru ta' kontravenzjonijiet li qed jingħataw fuq *litter*.** Dan minkejja li hu jaf li huwa diffiċli ħafna li tressaq lil xi ħadd sakemm ma taqbdux fil-fatt. Barra minn hekk, hu irrefera għal proposta li l-KLĦS jikkunsidra li jpoġġi cctv camera fi Triq iż-Żurrieq. Id-DSE staqsa jekk din hemmx bżonn li tkun immanjata il-ħin kollu. Id-Direttur, *Sterling Security Services* qal li din waħidha ma taħdimx għaliex hija differenti mill-ispeed camera. Hu qal li mhux l-ewwel darba li sfortunatament waqgħu għaċ-ċajt mal-Kummissarju tal-Ġustizzja, fit-tribunal, għaliex mhux kull ma hu ovvju f'għajnejn iċ-ċittadin, jista' jitqies bħala prova ċara. Barra minn hekk, hu qal li jidher li s-*cctv cameras* fuq il-*bring in site* fi Triq il-Kuċċard, ħadmu tajjeb.

17. Affarijiet oħra li kienu msemmija matul din il-laqgħa kienu dwar il-kontravenzjonijiet fuq ***mud flaps*, *speed* eċċessiv, ħmieġ ta' vetturi, ħsejjes, ħġieġ tinted, *mobile telephone* waqt is-sewqan, il-primi noti** li huma mportanti għat-tribunal, ċitazzjonijiet ta' ***seat belt*** li ma jistgħux jintbgħatu bil-posta, għax dawn ma joħorġux fuq ir-*registered owner* tal-vettura u l-fatt interesssanti li f'Ħal Safi ġieli ingħataw fil-passat riċenti saħansitra tliet ċitazzjonijiet f'siegħa.

18. Bħala konklużjoni **kien deċiż li niktbu lil Uffiċjal Awtorizzat** sabiex inqassmu l-ħinijiet tal-gwardjan matul il-ġimgħa skond kif irridu u fejn jidhirlu li hemm l-aktar bżonn il-KLĦS. Il-laqgħa mal-uffiċjali ta' *Sterling Security Services* intemmet fit-8:10pm.

19. Immedjatament wara li l-uffiċjali ta' Sterling Security telqu mill-kamra, kienet ittrattata l-**kwotazzjoni** li ġab Eddie Bonello biex jitwaħħlu *cctv cameras* quddiem il-Bini Amministrattiv. Din tinkludi sett ta' 4 cameras u *hard disk* (***4ch DVR CCD Camera CCTV Security Surveillance DVR System***) li tista' tirrekordja fuqu b'kapaċita' ta' 500GB għal prezz ta' 209 lira sterlina bis-shipping b'kollox minn fuq l-e-bay http://cgi.ebay.co.uk/4-CAMERA-USB-DVR-VIDEO. Dwar dan se nikkonsultaw mal-espert is-Sur Chris Ellul f'din il-materja, ħalli naraw hux il-prodott l-aktar addattat għalina.

20. Fit-8:15pm il-KLĦS iddiskuta **l-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv** minn fost il-kandidati kollha li intervista. Bħala punti, il-kunsillieri taw l-aktar lis-Sur Derren Busuttil. Madankollu, Eddie Bonello kif ukoll Jimmy Busuttil qalu li l-fatt li dan il-kandidat mhux se jkun jista' jattendi fil-għodu, waqt li jkun hawn l-aktar xogħol, u forsi x'ħin ikunu jinħtieġuh l-iktar l-impjegati, se jitfa' l-Kunsill lura. Barra minn hekk ċertu laqgħat li jkollhom is-Segretarji Eżekuttivi, jkunu fil-għodu, għalhekk mhux se jkollna rappreżentanza, jekk dan ma jirranġax sabiex jillarga minn fuq il-post tax-xogħol. Hawn Pietru Pawl Busuttil qal li dan se jkun jista' jiġi is-Sibtijiet fil-għodu u hu personalment lest li jattendi wara l-5.00pm biex juri lil Derren Busuttil, dak kollu li jkun hemm bżonn. Hu sostna li fil-passat, fil-għodu hu kien ikun mingħajr Segretarju Eżekuttiv, kemm meta kellu lil Joe Saliba, meta kien impjegat Jason Cutajar kif ukoll issa b'Anthony Bonello, għax dawn kollha kienu jiġu wara l-5.00pm. Dwar dan il-punt, Jimmy Busuttil qal li Jason Cutajar ġieli kien jattendi wara s-sagħtejn. Dwar din l-għażla, l-Kunsill għandu jipproċedi f'seduta oħra.

21. Il-KLĦS kien infurmat li **s-seduta tal-każ ta' l-eks Segretarju Eżekuttiv** li kienet appuntata għal nhar it-Tnejn, 30 ta' Novembru, 2009, issa ġiet posposta għal data li trid tkun stabbilita aktar tard.

22. Id-DSE qal li waslitlu **talba mill-Kor Sine Macula** sabiex dawn itellgħu kunċert tal-Milied bħal dak tas-sena l-oħra. Madankollu l-Kunsill ħa deċiżjoni li mhux se jsiru attivitajiet tal-Milied, minħabba l-għeluq fis-sala, li jista' jwassal għal kumplikazjonijiet ta' mard tal-*iswine flu.*

23. Is-Sindku stieden lil kunsillieri biex jattendu għal **laqgħa li se ssir għal ġenituri** ta' dawk li għandhom uliedhom jattendu in-*nursery*. Din se ssir fis-sala tal-Kunsill, nhar il-Ħadd, 29 ta' Novembru, 2009 fl-10.00am. Fost ix-xewqat ta' l-*coaches,* hemm l-intenzjoni li nindagaw biex dawn it-tfal jidħlu jilgħabu wkoll fi ground ikbar, fil-Kulleġġ San Benedittu, ta' l-inqas darba f'xahar anke billi saħansitra inħallsu għal dan is-servizz.

24. Pietru Pawl Busuttil talab li jsir ***double yellow line* fil-kantunieri fi Triq ta' Ġawhar kantuniera ma Triq il-Ħajt Ruman**, u kantuniera ma' Triq l-Iskola. Din il-proposta għaddiet.

25. Is-Sindku ressaq talba oħra fi ħdan il-KLĦS sabiex issir **biċċa bankina fi Triq il-Menqa.** Dan is-suġġeriment tas-Sindku sar għaliex inġibditlu l-attenzjoni li din tinsab fi stat ħażin ta' manutenzjoni u r-ranep fuq il-bankina huma perikolużi ferm. Bħal proposta ta' qabilha, din għaddiet minħabba l-bżonn urġenti għal dawn it-tiswijiet.

26. Jimmy Busuttil fakkar fit-**talba li għamilna lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta għall-double yellow lines** f'post ieħor. Għal dan il-kliem, is-SE qal li propju dal-għodu stess f'seminar li dam sas-2.00pm u li kien organizzat mid-Direttorat għall-Immaniġjar tat-Traffiku, fi ħdan l-awtorita', kien żvelat li minn

1600 talba li sarulhom mill-Kunsilli Lokali fl-2009, kienu solvuti/klerjati nofshom minħabba l-*backlock* li hemm.

27. Il-KLĦS iddeċieda li minkejja li ma kienux approvati l-minuti u lanqas il-*Payment Approval Sheets,* iżomm il-laqgħa li jmiss fl-1 ta' Diċembru, 2009, fil-5.00pm.

28. Bħala punti oħra, issemmew l-avviżi li għamel il-KLĦS sabiex **jitneħħew it-*trailers*** minn Triq il-Kuċċard. **Tneħħa wkoll it-trakk l-isfar** li ssemma' kemm-il darba fil-laqgħat preċedenti, bil-koperazzjoni tal-pulizija propju nhar is-Sibt, 21 ta' Novembru, 2009.

29. Issemma' każ li seħħ mill-ADT dan l-aħħar fi Triq iż-Żurrieq. Hawn l-**ADT spustjat Bus Stop** li kien ilu mwaħħal ma residenza għal aktar minn tletin sena mingħajr il-konsultazzjoni tal-Kunsill. Dwar dan, il-KLĦS innota li issa tpoġġa għaxar metri 'l bogħod f'post perikoluz u għaldaqstant id-DSE se jikteb lilhom ħalli jara x'hini r-raġuni li l-Kunsill kien injorat, meta propju dal-għodu stess waqt is-seminar fuq imsemmi, kien hemm tant ftaħir dwar il-konsultazzjoni. Dan issa tpoġġa biswit *roundabout*, *zebra crossing* u kantuniera. Id-DSE qal li dan il-każ tajjeb li nġibuh għall-informazzjoni tar-residenti tagħna fil-fuljett ħarġa Diċembru, 2009.

30. L-aħħar punt li ssemma' kien il-***hoarding wall*** li dwaru konna kellimna wkoll waqt laqgħa tal-Kunsill, lil ċertu George Cassar, minħabba l-periklu tiegħu. Pietru Pawl Busuttil qal lil Eddie Bonello, li tella' s-suġġett għad-diskussjoni, illi dan issa tela' fejn is-surveyor tal-MEPA ta l-punti biex jinżamm l-*alignment* oriġinali.

31. Il-laqgħa ntemmet fid-9.45pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 1.12.09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku